MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 30/2005

**Atlas Insurance Limited [C 15239], de proprio kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited, bhala agent tas-socjeta' estera Atlantica SpA di Navigazione, armatur u/jew noleggjatur tal-bastiment "M.V. Eurostar Valencia"**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf erba' mija u sebgha u disghin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm1,497.48c) rapprezentanti kumpens ghad-danni subiti mill-assigurat taghha Michael Attard Limited meta gew importati sebgha u sebghin (77) vettura

Peugeot li waslu Malta fis-16 ta’ Jannar, 2004 fuq il-bastiment “M.V. Eurostar Valencia” kif ukoll erbghin lira Maltin (Lm40) bhala *survey fees*.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan stante li s-socjeta’ konvenuta m’hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta’ attrici u dan minhabba li hija qdiet l-obbligi taghha kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi s-socjeta’ attrici ghandha ggib prova tas-surroga moghtija favur taghha. Illi t-talba in konnessjoni mas-*survey fees* ghandha tigi michuda stante li m’hemm l-ebda prova ta’ l-istess. Illi inoltre, l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa eccessiv.

Sema’ x-xhieda ta’ John Falzon, Brian Valenzia, Dennis Satariano u ta’ Peter Bonello.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Joseph Zammit McKeon ghas-socjeta’ attrici u ta’ Dr Carlo Bisazza ghas-socjeta’ konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta’ Michael Attard Limited importat sebgha u sebghin (77) vettura Peugeot li waslu Malta fis-16 ta’ Jannar, 2004 abbord il-vapur M.V. Eurostar Valencia.

Fil-mument li l-vetturi gew ikkonsenjati mir-rapprezentant tal-vapur ghal The Cargo Handling Company Limited sar Joint Tally u fl-atti nsibu bhala Dok. PB1 Joint Tally ipprezentat minn The Cargo Handling Company Limited li minnu jirrizulta illi mis-sebgha u sebghin (77) karozza Peugeot, wahda kienet bla aerial u l-ohra kien fiha *pigeon droppings*.

Fir-rigward tal-Joint Tally Sheet esebit minn Dennis Satariano ghall-istess numru ta' karozzi m'hemm l-ebda rimarki negattivi.

Jirrizulta wkoll illi meta eventwalment il-karozzi hargu mill-port kien hemm aktar danni.

Meta l-vetturi waslu ghand l-importatur, huwa nduna li kien hemm xi hsarat u nuqqasijiet u ghamel claim mas-socjeta' attrici u b'rizultat ta' dan sar *survey* minn Brian Valenzia fejn gew ikkostatati l-ilmenti ta' l-importatur u mill-invoice Dok. ZM8 jirrizulta li dan it-total ammonta ghal elf tmien mija u tnejn u sittin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm1,862.48c). Din is-somma giet imhallsa mis-socjeta' attrici lill-importatur u b'hekk saret id-debita surroga (Dok. ZM9) u in segwitu The Cargo Handling Company Limited hallset rimbors lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hames liri Maltin (Lm405) biex b'hekk is-socjeta' attrici qieghda titlob il-bilanc minghand is-socjeta' konvenuta.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi meta l-vetturi hargu mir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta sar Joint Tally u minn dan il-Joint Tally l-unika hsarat li kienu evidenti kienu aerial nieqes u *pigeon droppings* izda fil-fatt ma sar l-ebda claim dwar dawn in-nuqqasijiet/hsarat u konsegwentement ma jiffurmawx il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi ghalhekk it-talba attrici ma tirrizulta bl-ebda mod ippruvata u ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------